MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1559/2003

**Untours Insurance Agents Ltd għal Qatar Insurance surrogati fid-drittijiet ta' Anna Trakosopoulou u l-istess Anna Trakosospoulou**
**Vs**
**Joseph Fenech**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-8 ta' Awissu, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 627.31 (Sitt mitt lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmi) rappreżentanti danni kawżati f'inċident stradali nhar il-11 ta' Novembru, 2002 fix-Xatt tal-Pieta'.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli għal inċident stradali li seħħ fil-11 ta' Novembru, 2002 fix-Xatt tal-Pieta' bejn Marina numru HAE 443 misjuqa mill-konvenut u Fiat Punto numru GAQ 479 misjuqa minn Dino

Trakosopoulou, flimkien ma’ kundanna lill-konvenut li jħallas, in linea ta’ danni Lm 527.31 (ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu) lil Untours Insurance Agency Ltd noe u Lm 100 (mitt lira Maltija) lil Anna Trakosopoulou.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali ta’ llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imgħax minn notifika ta’ dana l-avviż kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

a) Illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li t-tort kien kompletament ta’ l-attriċi kif surrogata u dan kif se jiġi ampjament ippruvat mill-istess konvenut;

b) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke l-ammont pretiż hu kompletament kontestat stante l-eċċessivita’ ta’ l-ammont pretiż meta l-inċident ma tax lok għall-ammont ta’ ħsara kif allegat.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirriżulta li l-konvenut għalkemm b’mod ta’ diversitajiet biex jagħti x-xhieda tiegħu u jipproduċi x-xhieda minnu, huwa naqas min dan. Illi għalkemm ikkontesta sia r-responsabbilita’ u sia d-danni, l-istess kontestazzjoni ma saritx kif suppost.

Illi l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega mhux fuq min jinnega. Pero’, dan l-oneru għandu jiġi sodisfatt mill-attur sal-grad tal-probabilita’. Fil-fehma tat-Tribunal dan l-oneru jissodisfa ċertament il-pruvat.

Jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u jilqa’ t-talbiet attriċi u filwaqt li jsegwi fil-konfront min hu responsabbli għal dak l-inċident, jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ Lm 627.31, (sitt mija u

sebgħa u għoxrin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu) bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------